Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 19 – L-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**19.1 Talba**

19.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

19.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**19.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

19.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi fakkar lill-kunsilliera fl-istedina li l-Kunsill għandu llejla għall-quddiesa tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu fis-6:00pm kif ukoll l-inawgurazzjoni tas-Sigra fit-8:00pm.

**19.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera**

19.5.1 L-ebda kunsillier ma' kellu kommunikazzjoni x'jgħaddi.

**19.6 Korrispondenza**

19.6.1 Ma kienx hemm korrispondenza x'tiġi diskussa.

## 19.7 Milied u Bethlehem f'Għajnsielem 2025

19.7.1 Sar qbil li għall-attivita' ta' Ġieh Għajsielem li ser isir nhar il-Gimgha 12 ta' Dicembru għandna kkonfermat lill-kantanta Loredana Agius u pjanista biex tanima s-serata permezz ta' kant u s-surmast Frankie Debono b'siltiet bil-vjolin. Is-Sinjura Antonella Azzopardi ser tippreżenta s-serata.

19.7.2 Is-Sindku għamel referenza għall-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem nhar il-Hadd 4ta' Diċembru u din is-sena mhux ser ikollna kollegament dirett li ser isir fuq TVM. L-inawgurazzjoni ser issir fis-2:30pm. Huwa spjega kif il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanat ser jagħtuna toilets għal waqt il-ħinijiet tal-animazzjoni apparti għajnuna finanzjarja kif wkoll ħaddiema mid-Direttorat tal-Kultural. Sar ftehim wkoll sabiex il-Public Cleansing jiġbor il-boroż taż-żibel waara l-ġranet tal-animazzjoni. Ser jidħlu ħaddiema tal-Kunsill extra fil-weekends u btajjel pubbliċi sabiex jsir it-tindif neċċessarju ġewwa ta' Passi kif wkoll jinġabru dawn il-boroz u jsir xogħol ieħor skond il-ħtieġa. Il-Kunsill nkariga wkoll mastrudaxxi biex jgħinu fix-xogħol ta' manutenzjoni tal-kmamar minġabba ħsarat kbar li ġarbu il-kmamar u strutturi tal-injam matul is-sena.

19.7.3 Bħala attivitajiet oħra tal-Milied ser ikollna:-

- Harga tal-Anzjani nhar is-15 ta' Diċembru
- Festin tat-tfal nhar it-23 ta' Diċembru
- Attivita' ta' Santa Clause fil-Pjazza bil-partecipazzjoni tas-Civil Protection
- Tqassim tar-rigali tat-tfal - Lejliet il-Milied bejn is-13:00 u l-16:00 biex l-attivita tkun intemmet qabel il-purcissjoni bil-bambin
- Ikla Solidali nhar il-Milied f'nofsinhar
- 27 ta' Diċembru - 10:30am quddiesa u żjara lill-anzjani f'Dar San Ġużepp
- 10 ta' Jannar - Get Together għall-Kunsilliera, staff u ħaddiema.

19.7.4 Rigward il-kompetizzjoni tal-Kartolini tal-Milied sar qbil li jiġu ppublikati ir-riżultati fuq Facebook u nipprintjaw sett lir-rebbieħa li jiġu preżentati lilhom dakinhar tal-Festin tat-Tfal.

## 19.8 Approvazzjoni tal-Pagamenti

19.8.1 Ma kienx hemm pagamenti x'jigu approvati.

## 19.9 Materji oħra

19.9.1 Ma kienx hemm materji ohra x'jigu diskussi.

## 19.10 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-4:45pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2025 fis-13:00pm.

*Kevin Cauchi*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Eżekuttiv*